TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 440/10

**Monica Tesi**
**vs**
**Telefonika**

Illum 27 ta' Ġunju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentanti fit-12 ta' Novembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' mitt ewro (€100), rappreżentanti prezz ta' *mobile phone* li wara ftit li xtratu ma kienx qed jaħdem.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tad-ditta intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat *mobile phone* filgħodu għal prezz ta' mitt ewro (€100), u sa filgħaxija reġgħu marru lura bih għax ma kienx qed jaqra l-*memory card.*

L-intimat issotometta bil-miktub illi ħa l-*mobile phone* għand it-*technician* biex jagħtih *software* fejn il-*mobile phone* baqa' l-istess u għalhekk wara li t-*technician* fetaħ il-*mobile phone*, sab li kellu *corrosion.*

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi hija improbabli li l-*corrosion* sar fi żmien ġurnata u jidher li kellu problema ovjament fis-*software*.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas is-somma ta'mitt ewro (€100), u b'dan illi l-*mobile phone* jiġi propjeta' tas-soċjeta' intimata wara li jsir il-ħlas, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888